MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 7/2006

**Yvonne Camilleri**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta’ April, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“L-Arbitru,

Ra d-decizjoni tad-Direttur tat-12 ta’ Ottubru 2005 li biha twaqqfet l-Ghajnuna ghall-qaghad lil Yvonne Camilleri peress li ma kienx sodisfatt li l-appellanti kienet tabita fl-indirizz li kienet indikat, kif ukoll l-appell tat-3 ta’ Lulju 2005.

Sema lill-appellant u lix-xhud minnha mressqa, kif ukoll lill-Inspector u lill-Avukat difensur; kemm l-appellanti kif ukoll ommha ppruvaw jaghtu versjoni differenti minn dik ta' l-inspector, izda jidher li l-post indikat jinfed minn gewwa ma' dak ta' l-omm u kienu juzawh ukoll bhala holiday flat.

Mill-kumpless tal-provi l-Arbitru hu tal-fehma li d-decizjoni tad-Direttur kienet gustifikata anki peress li l-versjoni ta' l-appellanti ma dehritx kredibbli, u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud."

Ir-rikorrenti Yvonne Camilleri ntroduciet appell fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza. Permezz tieghu hi qeghda tistieden lil din il-Qorti biex tirrivaluta l-provi u taccetta l-versjoni taghha ghax hi wahda verosimili u sorretta mill-provi dokumentali - I.D. u kontijiet tad-dawl u l-ilma - annessi mar-rikors ta' l-appell taghha. Bil-kontra, hi tikkwerela l-fatt tad-decizjoni, kemm tad-Direttur appellat u ta' l-Arbitru, billi tavvanza bi proposizzjoni illi d-Direttur ma ssodisfax il-piz tal-prova nkombenti fuqu ghas-sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu illi hi ma tghix fil-fond minnha ndikat lid-Dipartiment bhala l-post ta' abitazzjoni taghha;

Jibda qabel xejn biex jigi osservat illi, kif rifless f' bosta decizjonijiet, il-valutazzjoni tar-rizultanzi probatorji hu fondat fuq il-principju tal-liberu konvinciment ta' min hu mghobbi biex jifforma gudizzju. Dan il-principju japplika f' dan il-kaz mhux biss ghall-Arbitru imma wkoll ghad-Direttur appellat billi l-ligi (Kapitolu 318) taghmlu l-ewwel arbitru li japprezza l-provi emersi mill-Inkjesta u jiddeciedi dwarhom. Naturalment hu mistenni li dik id-diskrezzjoni li l-ligi tponi fih tkun wahda prudenzjali u in bwona fede. Materja din li tattira s-sindikar ta' l-Arbitru ghall-istharrig minnu tad-decizjoni mehuda mid-Direttur fis-sospensjoni tal-ghajnuna socjali, u l-aktar biex dan jivvaluta jekk dik id-decizjoni hijiex koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati u sostenuta minn motivazzjoni adegwata li tikkonsenti l-kontroll mill-Arbitru tal-kriterju logiku segwit;

Dan premess, jokkorri wkoll jigi sottolinejat, anke ghaliex il-punt sostanzjali involut f’ dan l-appell jirrigwarda proprju d-dixxiplina tal-piz tal-provi, illi hu d-Direttur appellat li hu gravat bl-oneru li joffri l-prova, u allura c-certezza tal-fatt allegat minnu; f’ dan il-kaz, li l-appellanti ma kienetx qed tabita fil-fond indikat minnha.  Il-gurisprudenza taghmel f’ dan il-kuntest rikjami ghal certi massimi sterjotipati u ben konoxxuti.  Fondamentalment fosthom dik li tghid li “*onus probandi incumbet ei qui dicit*”, in kwantu din tespirimi dik l-esigenza logika li taddossa fuq min jallega fatt favorevoli ghat-tezi tieghu jew, f’ dan il-kaz, ghad-decizjoni mehuda, li jaghti prova, u prova adegwata, ta’ l-ezistenza ta’ dak il-fatt.  Dan iwassal ghall-ezami dwar jekk id-Direttur appellat irnexxielux jiskarika minn fuq dan il-piz tal-prova;

Jirrizulta mill-inkartament tal-kaz illi d-Direttur appellat ifforma l-konvinzjoni tieghu li l-appellanti ma kienetx qed tabita fil-fond indikat, u li allura ma kienetx il-“kap tal-familja” ghall-iskop ta’ l-assistenza socjali li taghha kienet recipjenti, in bazi ghall-verifika li taghmel l-Ispezzjoni kondotta fil-fond mill-Ispetturi Ian Napier u Dieter Ebejer (ara rapport a fol. 50).  Proprju minn din l-Ispezzjoni rrizulta illi fil-kcina kien hemm ghodod fuq bank u batterija ta’ karozza mentri s-sodda kienet mghobbija b’ kaxxi tal-kartun b’ mod li wiehed ma setax jorqod fuqha.  Irrizulta wkoll illi ghalkemm kien hemm xi ikel fil-*fridge-freezer* dan kien jappartjeni lil omm l-appellanti, li kienet tghix fil-fond adjacenti, interkomunikanti mal-fond spezzjonat.  L-Arbitru jidher li hassu konvint minn dawn il-fatti u b’ hekk ma deherlux li kellu jissostitwixxi d-diskrezzjoni tad-Direttur b’ dik kuntrarja tieghu;

Issa bl-aggravju taghha l-appellanti tittanta tiddistruggi l-ezercizzju ta’ din id-diskrezzjoni bil-kontenzjoni illi ma gietx provvduta dik il-prova kjara u sufficjenti, demostrativa tal-fatt illi d-dar spezzjonata ma kienetx ukoll il-fond ta’ residenza taghha.  Mhux hekk biss.  Hi tittanta wkoll permezz tad-dokumenti esebiti minnha f’ din is-sede

tikkonvinci illi effettivament il-fond *de quo* hu dak li fih abitwalment tirrisjedi;

Residenza tiddenota l-uzu ordinarju ta’ fond b’ certu grad ta’ kontinwita`. Kriterju indikattiv ta’ din ir-residenza hu l-mod kif bniedem ugwalment jorganizza hajtu. Hu anke fattur saljenti dak li persuna tkun ghamlet bid-dar u l-ghamara go fiha. Jezistu, imbaghad, kriterji ohra li jikkostitwixxu prova tar-residenza; ad ezempju l-karta ta’ l-Identita`, ir-registrazzjoni ghal finijiet elettorali u d-dokumenti attestanti l-konsum tad-dawl u ta’ l-ilma. Naturalment u f’ kull kaz iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha;

Hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, fuq il-valutazzjoni taghha tal-materjal probatorju f’ dan il-kaz, illi, fil-kumpless tal-kwadru unitarju u organiku tal-provi, l-apprezzament ta’ l-Arbitru ma jimmeritax ic-censura ta’ l-appellanti. Ragonevolment l-Arbitru ghamel sew li jqieghed a fondament tad-decizjoni tieghu l-fonti tal-prova li taghmel l-verifika ta’ l-Ispetturi fl-ispezzjoni kondotta minnhom. Dan ghaliex fl-opinjoni tal-Qorti dik il-verifika kienet, anke fuq il-gudizzju ta’ l-attendibilita` u tal-kredibilita`, tali li minnha tigi estrapolata l-prova indizzjarja illi l-fond ma kienx, f’ dawk ic-cirkustanzi accertati, iservi ta’ fond ta’ residenza ghall-appellanti; ghallanqas, mhux wahda buona fide. Pjuttost, apparenza ta’ okkupazzjoni fit-tentattiv li taghti l-impressjoni illi hi qed tirrisjedi fih u b’ hekk tkun intitolata ghall-ghajnuna mid-Dipartiment. Huwa veru li l-I.D. u l-kontijiet tal-konsum tad-dawl u ta’ l-ilma jistghu jkunu korroborattivi ta’ residenza izda, f’ dan il-kaz, in bazi ghall-fatti maghrufa, mhux necessarjament konkluzivi. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, ma jidherx li hu prudenti u gustifikativ illi l-Qorti twarrab is-sentenza appellata;

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata. Kif inhu ormaj konswet f’ kazijiet ta’ din ix-xorta, l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------